MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 158/2006/1

**Louis Muscat**

**v.**

**Pauline Muscat**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors guramentat Louis Muscat, minnu pprezentat fil-11 ta' Mejju 2006, li jaqra hekk:
"1. Illi l-kontendenti żżewġu fil-15 ta' Awissu 1988 (Dok. A).

“2. Illi l-ħajja konjugali ġiet resa mpossibbli minħabba abbandun, sevizzi, inġurji gravi, theddid u vjolenza morali kommessi da parti tal-konvenuta u inkompatibilita` ta' karattru.

“3. Illi miż-żwieġ twieldu żewġt itfal ossia A.B. ta' sittax-il sena u C.D. ta' ħmistax-il sena kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati tat-twelid (Dok. B u C).

“4. Illi l-kontendenti kienu awtorizzata jipproċedu għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed jiġi esebit bħala Dok. D.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.

“2. Tiffissa ġranet u ħinijiet meta l-esponent għandu jkollu aċċess għaż-żewġt itfal tiegħu minuri.

“3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

“4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

“5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenuta f'każ ta' bżonn.

“6. Tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni ta' assi immobbli f'każ li jirriżulta li dawn ma jistgħux jiġu komodament diviżi.

"7. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta` kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta (fol. 16) li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Illi għalkemm l-eċċipjenti taqbel li għandha tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, hija pero` teċċepixxi li r-raġunijiet għal dan huma imputabbli unikament lill-attur u dan minħabba sevizzi, eċċessi, inġurji gravi, vjolenza morali u abbandun da parti tiegħu stess fil-konfront tagħha.

"2. Illi a rigward tat-tieni talba, l-eċċipjenti taqbel illi fl-aħjar interess tat-tfal, hija għandha tkun vestita bil-kura u l-kustodja tal-ulied minuri ossia C.D. u A.B., u dan b'aċċess xieraq versu l-attur.

"3. Illi għar-rigward tat-tielet talba, it-talba attriċi għandhom jiġu kollha miċħuda peress illi fid-dawl ta' dak rilevat fl-ewwel eċċezzjoni, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet kif ser jirriżulta mill-provi fil-mori tal-kawża;

"4. A rigward tar-raba' talba, l-esponenti ma topponix ruħha għad-dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, pero` in vista tal-ewwel eċċezzjoni, mhux talli m'għandhomx jiġu applikati s-sanzjonijiet *ai termini* tal-liġi fil-konfront tagħha, talli l-komunjoni għandha tiġi likwidata u maqsuma f'żewġ porzjonijiet u assenjata lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni kontra l-attur tad-dispożizzjonijiet kontenuti fl-artikoli tal-Kodiċi Ċivili.

"5. Illi m'hemm xejn x'jiġi restitwit lill-attur, f'dik li hija proprjeta` parafernali tiegħu.

"6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

"7. Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa nġunt għas-subizzjoni."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta’ April, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi qalet hekk:
“1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b’tort tal-partijiet indaqs;

“2. Tilqa’ t-tieni talba billi filwaqt li l-kustodja tal-minuri C.D. tkun affidata f’idejn il-konvenuta, l-attur ikollu aċċess liberu;

“3. Tiċħad it-tielet talba u għalhekk tordna lill-attur iħallas manteniment ta’ disgħin Ewro (€90) fil-ġimgħa lill-konvenuta, u għaxar Ewro (€10) fil-ġimgħa *rebus sic standibus* għall-minuri (sakemm din tagħlaq it-tmintax-il sena);

“4. Tordna li ssir il-qasma bejn il-fond 19 u 20, Alexandra Street, Cospicua, taħt is-superviżjoni tal-AIC Mario Cassar (spejjeż fir-rigward jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti indaqs) b’dan li l-fond numru 19 jiġi assenjat lill-attur u l-fond numru 20 lill-konvenuta; il-garaxx numru 21 fl-istess triq jiġi ritonat lill-konvenuta bħala beni parafernali; kull parti tiġi assenjata l-kontijiet bankarji f’isimha u jekk hemm xi kontijiet flimkien jinqasmu fi kwoti indaqs bejniethom; tordna li l-vettura Lada tiġi assenjata lill-attur u dik Skoda lill-konvenuta;

“5. Għall-iskop tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tinnomina lin-Nutar Alexander Sciberras Trigona u l-Avukat Dottor Charmaine Galea bħala kuratriċi tal-kontumaċi u l-istess att għandu jiġi pubblikat fl-edifiċju tal-Qorti fid-data li tiffissa l-Qorti stess fuq talba tan-Nutar nominand jew xi ħadd mill-partijiet.

“6. Tiċħad is-sitt talba.

“7. Tiċħad is-seba’ talba.

“L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku indaqs bejn il-partijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif ġia` ingħad l-attur qed jitlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-konvenuta fil-fatt ipproponiet hi stess kawża oħra li qed tiġi deċiża llum ukoll. Minkejja li l-kawża kienet kontestata ħafna għall-inqas fejn jirrigwardja t-tfal (anke għaliex ġia` huma adolexxenti u wieħed minnhom sar maġġorenni fil-mori tal-kawża) ma kienx hemm wisq kuntrast. Għalhekk apparti t-tort ta' min tfarrak iż-żwieġ il-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u l-manteniment li l-attur għandu jħallas. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.

"**TORT**

"L-attur fl-affidavit tiegħu jgħid li *jien u l-mara qatt ma qbilna u kellna ħafna argument tul iż-żwieġ kollu,* u jsemmi diversi kwistjonijet li kienu nqalgħu; jgħid li ftit xhur wara ż-żwieġ martu ġriet warajh b'sikkina. Isostni li għalkemm għadu jgħix id-dar iħossu mbeżżża', u jgħid li ħu l-konvenuta Charles Spiteri qed jimbuttaha biex tissepara minn miegħu. Jaċċetta li t-tfal għandhom ikunu fil-kustodja ta' martu iżda *stante* l-eta` tagħhom li jkollu aċċess liberu għalihom. Kien dipost iħallas manteniment ta' għoxrin lira Maltin (Lm20) fil-ġimgħa għat-tfal. Skond il-konvenuta l-inkwiet beda mill-ewwel lejl taż-żwieġ għaliex skond hi, lanqas biss ħares lejha. Ċaħdet li hedditu bis-sikkina u tat verżjoni differenti ta' dak l-inċident. Issemmi xi nċidenti oħra li ħafna drabi jibdew fuq ħaġa żgħira u mbagħad jikbru.

"Wara li eżaminat il-provi, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f'dan l-aspett billi tikkondividi l-konklużjoni tagħha illi l-partijiet it-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom. Anzi l-Qorti żżid li jidher ċar li kien hemm inkompatibilita` estrema bejniethom li daħħlithom f' *"sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l' abitazione e la vita comune".* **(**ara

**"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim Awla 13 ta' Ġunju 1967). Billi ma saritx kontro-talba t-tort tal-attur ma hux fundament għall-akkoljiment tat-talba għall-pronunzjament tas-separazzjoni, iżda naturalment il-Qorti tieħdu in konsiderazzjoni fir-rigward tat-talba għall-applikazzjoni tal-artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili li l-Qorti se tiċħad. Dan *oltre* l-fatt li l-konvenuta pproponiet hi ukoll kawża għal separazzjoni li naturlament trid tiġi deċiża a bażi ta' dawn il-konklużjonijiet.

"**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

"Fil-mori tal-kawża l-minuri A.B. sar maġġorenni u għalhekk il-Qorti se tipprovdi fuq il-minuri C.D. billi tassenja l-kura u kustodja lill-konvenuta kif m'hemmx kontestazzjoni li jsir, u takkorda lill-attur aċċess liberu.

"**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

"Il-punt kontenzjuz ħafna f'dawn il-proċeduri kien il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni u kif għandhom jiġu maqsuma. *Oltre* dan l-attur qed jinsisti ukoll li għandu dejn ta' sitt elef lira ma' ħuh, u qed jitlob li dan jiġi meħud in konsiderazzjoni. Il-Qorti pero` taqbel ma' dak li ssottomettiet il-konvenuta li l-Qorti ma għandhiex tieħu konjizzjoni ta'dan l-allegat kreditu. Jekk il-kreditur imsemmi jidhirlu li għandu jaġixxi huwa għandu jagħmel dan fuq inizjattiva tiegħu.

"Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti l-ikbar problema hija jekk għandhomx jinbiegħu ż-żewġ proprjetajiet 19 u 20, Alexandra Street, Bormla – li ġew akkwistati separatament fiż-żwieġ. Garaxx bin-numru 21 fl-istess triq huwa proprjeta` parafernali tal-konvenuta u ġie mniffed magħhom. Il-Qorti ma tħossx li jekk tordna l-bejgħ tal-fondi 19 u 20 se ssolvi l-problema tal-partijet, anzi jkunu qed jissograw li jsibu ruħhom bla dar għaliex huwa problematiku kif se jsibu fejn joqogħdu bir-rikavat (li jkollu jinqasam). Dan għaliex il-valur intier tal-proprjeta huwa *circa* mija u erbat elef Ewro (€104,000) u naturalment m'hemmx ċertezza ta' xejn li jista' jinġieb dan

il-prezz permezz tas-subasta. Kwindi il-Qorti se tassenja t-terran (numru 20) lill-konvenuta u l-mezzanin (19) lill-attur. Dan jista' jsir għaliex il-fondi niffduhom il-partijiet u għalhekk jistgħu jerġgħu jsiru żewg fondi. Billi t-terran imiss mal-garaxx ikun aħjar li dan jibqa' miegħu peress li kif ġia` ingħad il-garaxx huwa proprjeta` parafernali tal-konvenuta.

"L-attur qed jirreklama affarijiet oħra. Qed jitlob li jiġi kompensat għax-xogħol li għamel hu fil-garaxx numru 21 imsemmi. Fil-fatt l-ewwel ippreżenta rikors (wara li kien ġia` ġie redatt ir-rapport tal-perit legali) fejn talab li ssir stima tal-valur tal-fond, fis-sens li tiġi valutata ż-żieda fil-valur tiegħu għaliex skond hu din iż-żieda tinkwadra taħt l-artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili bħala frott tal-beni parafernali li għandu jidħol fil-komunjoni. Il-Qorti ċaħdet it-talba *stante* li l-provi kienu ġia` magħluqa, iżda rriservatlu d-dritt li jressaq provi dwar spejjeż li seta` għamel. Iżda wara li ppreżenta affidavit il-Qorti laqgħet it-talba għall-isfilz tiegħu permezz ta' digriet tal-5 ta' Diċembru 2008 għall-istess raġuni. Għalhekk l-attur ma ressaq ebda prova fir-rigward u t-talba tiegħu ma tistax tintlaqa'.

"Fir-rigward imbagħad tal-qliegħ mill-bejgħ ta' proprjeta` li kien xtara qabel iż-żwieġ (il-bejgħ sar matul iz-żwieġ), il-Qorti ma tarax kif tista' tieħu konjizzoni tagħhom għaliex m'hemm ebda prova ta' x'sar minnhom dawn il-flus. L-attur ma ġabx prova kif intefqu u f'hiex. Probabbilment nefaqhom għax kellu bżonn jonfoqhom – jista' jkun nefaqhom fuq il-familja jew biex jixtri l-proprjetajiet li jifformaw il-komunjoni. Madankollu in mankanza ta' prova ta' fejn jinsabu jew f'hiex intefqu, il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuta tħallas il-valur tal-qliegħ li sar.

"Fir-rigward tad-depożiti bankarji, dawn tant huma minimi li jkun aħjar li kif issuġġeriet il-perit legali, kull parti żżomm il-kontijiet li huma f'isimha u jinqasmu dawk bi sħab a skans ta' problemi oħra. Il-vetturi li huma tal-istess valur se jiġu assenjati waħda lill-kull parti. Ma tressqux provi dwar mobbli oħra.

"**MANTENIMENT**

"Fil-bidu tal-kawża peress li t-tfal kienu t-tnejn minorenni l-Qorti kienet iddegretat ħlas ta' disgħin lira Maltin (Lm90) kull ħmistax li eventwalment ġie ridott għal tmienja u tletin lira Maltin (Lm38) fil-ġimgħa – liema ammont kien imqassam ħamsa u għoxrin lira (Lm25) għall-konvenuta u tlettax-il lira (Lm13) għall-minuri. Il-Qorti għar-raġunijiet ġia` msemmija ma tarax għaliex il-konvenuta għandha tiġi privata mill-manteniment. Il-perit legali ssuġġeriet ħlas ta' disgħa u sittin Ewro u disgħin ċenteżmu (€69.90) fil-ġimgħa; il-Qorti tirrimarka wkoll li anke l-minuri li baqa' waslet biex issir maġġorenni, u għalhekk biex tevita iktar litigazzjoni fir-rigward se tordna li l-attur għandu jħallas lill-konvenuta disgħin Ewro (€90) fil-ġimgħa għall-konvenuta u għaxar Ewro (€10) fil-ġimgħa għall-minuri. Il-manteniment għall-istess minuri għandu jieqaf kif appena din tagħlaq it-tmintax-il sena, salv naturalment kull dritt tal-istess minuri skond il-liġi fir-rigward. Il-konvenuta tipperċepixxi pensjoni żgħira għall-invalidita` u naturalment f'każ li din tieqaf għal xi raġuni, jibqagħlha dejjem id-dritt li titlob awment in vista tal-bdil fiċ-ċirkostanzi tagħha. Il-Qorti taqbel ukoll li dak li qal l-attur fir-rigward tal-qliegħ tiegħu m'huwa affidabbli xejn."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti u dan billi thassar, tirrevoka u tikkancella paragrafi tlieta (3), erbgha (4), sitta (6) u sebgha (7) tad-decide, ossia dawk il-paragrafi li jitrattaw il-manteniment, il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, it-talba ghall-bejgh b'licitazzjoni tad-dar matrimonjali u t-talba ghar-restituzzjoni tal-proprjeta` parafernali jew il-valur tieghu rispettivament, u minflok tordna s-segwenti:

i) Okkorrendo bl-akkoljiment tat-tielet talba tordna illi l-appellant ghandu jhallas biss manteniment ghat-tifla minuri u tichad it-talba ghall-manteniment versu l-appellata, jew, minghajr pregudizzju, f'kaz illi din il-Qorti thoss illi huwa gustifikat illi jkun hemm manteniment pagabbli wkoll lill-appellata allura tordna lill-appellant ihallas manteniment ridott ta' tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) fil-gimgha lill-attrici u

ghaxar Ewro (€10) fil-gimgha ghall-minuri *rebus sic standibus* (sakemm din taghlaq tmintax-il sena);

ii) B'akkoljiment tas-sitt talba l-fond 19 u 20 Alexandra Street, Cospicua ghandu jinbiegh b'licitazzjoni u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti wara li l-appellant jithallas l-ammont ta' €52,993.24 (ossia €22,711.39 u €22,711.29 kif hawn fuq spjegat),

iii) Il-garaxx numru 21 fl-istess triq jigi ritornat lill-konvenuta bhala beni parafernali; kull parti tigi assenjata l-kontijiet bankarji f'isimha u jekk hemm xi kontijiet flimkien jinqasmu fi kwoti indaqs bejniethom; tordna li l-vettura Lada tigi assenjata lill-attur u dik Skoda lill-konvenuta;

iv) Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-attur appellant u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewwgu fil-15 ta' Awwissu, 1988, mil-liema zwieg kellhom zewgt itfal, li t-tnejn illum huma maggorenni. Il-partijiet jattribwixxu r-raguni tal-falliment taz-zwieg lil xulxin, u fil-fatt il-konvenuta f'din il-kawza, fethet hi wkoll kawza ta' separazzjoni kontra zewgha (Rikors guramentat numru 223/07) fejn qed titlob li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bi htijiet adebitati lil zewgha. L-ewwel Qorti semghet iz-zewg kawzi kontestwalment, u ikkonkludiet li z-zewg partijiet jahtu ugwalment ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Il-Qorti, wara, ipprovdiet ghall-kura u l-kustodja tal-minuri, itterminat u llikwidat il-komunjoni tal-

akkwisti allura ezistenti bejn il-partijiet, u ordnat lill-attur ihallas disghin Ewro (€90) fil-gimgha bhala manteniment ghall-konvenuta, u ghaxar Ewro (€10) fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena.  L-istess provvedimenti nghataw fil-kawza l-ohra istitwita mill-mara kontra r-ragel.

Miz-zewg kawzi appella r-ragel, attur f'din il-kawza u konvenut fl-ohra.  Hu ressaq effettivament tlett ilmenti, u cioe`, (i) li l-ewwel Qorti skartat il-pretensjoni tieghu ta' kreditu parafernali kontra l-komunjoni; (ii) li l-ewwel Qorti ma akkreditatux b'nofs iz-zieda fil-valur ta' proprjeta` parafernali tal-mara, liema zieda fil-valur sehh bil-hidma tieghu; (iii) li l-manteniment lill-martu ghandu jonqos jew sahansitra jispicca.  Peress li r-ragel ressaq dawn l-istess ilmenti fl-appell li hu ressaq kontra s-sentenza li l-ewwel Qorti tat fil-kawza istitwita mill-mara, il-Qorti sejra tittratta l-ilmenti f'din il-kawza u tqishom applikabbli wkoll ghall-kawza l-ohra.

Trattat l-ewwel aggravju, l-attur ighid illi mill-atti jirrizulta li hu kien proprjetarju assolut ta' tlett bicciet proprjeta`, tnejn f'Bormla u wahda l-Hamrun, li bieghhom matul iz-zwieg ghas-somma komplessiva ta' tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000), ossija tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centemzmu (€30,281.25).  Hu jilmenta li l-ewwel Qorti ma ordnatx li hu jiehu mill-komunjoni din is-somma; fi kliem iehor, qed isostni li l-komunjoni tal-akkwisti hija debitrici lejh ghal din is-somma.

Din il-Qorti, pero`, taqbel mal-ewwel Qorti fis-sens li l-attur ma weriex li r-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta` gie mdahhal fil-komunjoni.  La kienu flus "tieghu", il-prezunzjoni hi li zammhom hu, izda l-attur ma ressaq ebda prova biex juri kif huwa kien nefaq dawn il-flus jew x'beni gew akkwistati a beneficcju tal-komunjoni tal-akkwisti.  Ma giex muri li dawn il-flus ma baqghux imwarrba fuq ismu u li minflok "thalltu" mal-fondi tal-komunjoni.

L-attur appellant jittanta jargumenta li huwa kien uza r-rikavat mill-bejgh tal-proprjetajiet parafernali tieghu biex ihallas l-akkwist tad-dar matrimonjali, u cioe` l-fond 19/20,

Alexander Street, Bormla. L-attur, pero`, ma ressaq ebda prova ta' dan, u din il-Qorti taqbel mal-konvenuta appellata li l-provi prodotti ma jaghtux affidament lil din l-istqarrija tar-ragel. Fil-fatt, mill-atti jirrizulta li:

a. Id-dar matrimonjali nxtrat versu l-prezz ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) biss, li huwa ferm inqas mill-ammont ta' tlettax-il elf liri Maltin (Lm13,000) li l-appellant akkwista mill-bejgh tal-proprjetajiet parafernali.

b. Id-dar matrimonjali sitwata f'19/20, Alexander Street, Bormla kienet inxtrat sena qabel ma l-appellant kien biegh il-proprjetajiet parafernali tieghu u ghalhekk isegwi li d-dar matrimonjali kienet diga` thallset qabel;

c. Ma tressqitx prova li l-konjugi Muscat kienu ssellfu xi flus minghand xi hadd u li mbaghad huma kienu ssaldaw dan is-self bil-flus tal-bejgh tal-proprjetajiet parafernali tal-appellant;

d. Lanqas ma giet esibita xi skrittura privata, jew forma ta' ricevuta jew xi karti bankarji li jindikaw li l-appellant attur kien uza dawn il-flus biex ihallas l-ispejjez tax-xiri tad-dar matrimonjali.

Ma tressqu ebda xhieda jew provi ohra li juru li l-komunjoni tal-akkwisti hadet xi beneficcju minn dawn il-flus, u allura l-pretensjoni tal-attur appellant ma tistax tigi akkolta.

Bit-tieni aggravju tieghu, l-attur appellant jilmenta li l-ewwel Qorti injorat il-fatt illi tul iz-zwieg, proprjeta` parafernali ta' martu zdiedet fil-valur taghha wkoll bix-xoghol ta' kostruzzjoni li hu ghamel fiha wara z-zwieg; din iz-zieda fil-valur hija "assi" tal-komunjoni tal-akkwisti, u kwindi, skond hu, hu intitolat ghal nofs tali zieda. L-attur jaghmel riferenza ghall-Artikolu 1320(b) tal-Kodici Civili biex isostni l-argument tieghu.

Din il-Qorti taqbel, in principju, li jekk l-assi parafernali ta' parti jizdiedu bil-hidma u/jew flus tal-komunjoni, allura din tal-ahhar ikollha kreditu kontra tal-ewwel ghal ispejjez

relattivi (ara **Zammit v. Zammit**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Mejju, 1986). Hekk ukoll fil-kawza, **Sammut v. Sammut**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2004, intqal hekk fir-rigward:
"L-appellant gustament jippretendi li huwa ghandu kreditu favur il-komunjoni ghall-ispejjez tal-materjal li ntuza biex inbniet din id-dar kif ukoll ghall-hidma tieghu li ghamel biex ghamel dawn ix-xoghlijiet fuq id-dar matrimonjali." (mibnija fuq art proprjeta` parafernali tal-mara).

F'din il-kawza, terran f'numru 21 Alexander Street, Bormla, kien ukoll parafernali tal-mara, u l-attur ghamel xi xoghol fih u ttrasformah f'garaxx. Kif intqal ukoll fil-kawza li ghada kemm issemmiet, l-allegat kreditur irid igib prova tan-nefqa li l-komunjoni ghamlet biex proprjeta` parafernali tizdied fil-valur. F'din il-kawza l-attur ma ressaq ebda dokument jew korroborazzjoni indikanti n-nefqa. Hu ighid biss li l-valur tal-fond tela' minn elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) ghal tnejn u ghoxrin elf liri Maltin (Lm22,000), pero`, kif osservat din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Dentrade Co. Ltd. v. Briffa et.**, deciza fit-26 ta' Jannar, 2008,
"Wisq pacifikament, hu biss meta jkun hemm cirkostanzi specjali li jistghu jispjegaw il-ghaliex ma tistax issir il-prova solita li l-gudikant jista jippermetti prova ohra li tissodisfah."

F'dan il-kaz, il-prova relattiva setghet issir jew bil-produzzjoni tad-dokumenti relattivi, jew ta' perit/xhud espert *ex parte*, jew billi ssir talba lill-Qorti ghall-hatra ta' perit gudizzjarju ghal dan l-iskop. F'dan il-kaz ma sar xejn minn dan, u ma tirrizulta ebda "cirkostanza specjali" ghala dan ma setax isir. Zgur li din il-Qorti mhux sodisfatta b'dak li qal l-attur, u ma tarax li ghandha taccetta semplici asserzjoni tieghu meta l-ahjar prova setghet u messha ngiebet.

Dan it-tieni aggravju hu allura wkoll michud.

Fit-tielet aggravju tieghu, il-konvenut ighid li la darba rrizulta li t-tort tas-separazzjoni kien imputabbli li z-zewg partijiet b'mod ugwali, ma kellux jigi iffissat manteniment

ghall-martu, u f'kull kaz, meqjus il-fatt li hu jaqla biss mija u disgha u tletin Ewro u tmenin centezmu (€139.80) fil-gimgha, m'ghandux ihallas aktar minn tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) – hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) fil-gimgha ghall-mara, somma li kienet giet iffissata provvizorjament mill-ewwel Qorti fil-kors tas-smigh tal-kawza.

Din il-Qorti ma tarax li l-fatt li z-zewg partijiet jahtu ghas-separazzjoni personali ghandu jwassal ghat-telf tal-mara li tippercepixxi manteniment. La darba l-mara ma ddekaditx mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha skond l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, ma tistax tigi mcahhda minn manteniment li, imqar in parte, iservi ghall-ghixien dicenti taghha.

Ghar-rigward l-aggravju dwar l-ammont ta' manteniment, din il-Qorti tara li fil-waqt li ghandha taghti affidament lir-rimarki li ghamlu l-perit legali, mahtur mill-ewwel Qorti u li semghet id-depozizzjoni tal-partijiet, u l-ewwel Qorti stess, fis-sens li qiesu mhux affidabbli dak li qal ir-ragel rigward il-qliegh tieghu u dan, tenut kont l-attivita` lavorattiva tieghu bhala *bus driver*, min-naha l-ohra, da parti tal-mara ma tressqux provi li jindikaw dhul aktar minn dak dikjarat mir-ragel. Ghalhekk, ghalkemm l-istqarrija tar-ragel ma ghandhiex tigi accettata "at face value", lanqas ma tista' tassumi li hu ghandu xi qliegh iehor qawwi. Il-Qorti tqis ukoll il-fatt li l-mara ma tahdimx, mhux b'kapricc imma peress li ghandha dizabbilita` fizika u d-dhul taghha jikkonsisti biss fil-pensjoni ta' invalidita` (tlett mija u erbatax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmu [€314.55] fix-xahar). Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, hi tal-fehma li l-manteniment ghall-mara ghandu jkun ta' sittin Ewro (€60) fil-gimgha, ikkunsidrat il-fatt ukoll li r-ragel mhux aktar obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' wliedu li issa saru maggorenni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur appellant, billi tilqa' l-istess biss in parte, u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, tirriforma biss it-tielet decide fis-sens li tordna lill-

attur ihallas sittin Ewro (€60) fil-gimgha (flok disghin Ewro (€90) kif stabbiliet l-ewwel Qorti) ghall-konvenuta.

Filwaqt li l-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk ta’ din it-tieni istanza ghandhom jithallsu tlett kwarti ($^{3}/_{4}$)mill-attur appellant, u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------